MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1007/2005

**Helen Zammit (I.D. 609336 M) f'isimha u ghan-nom ta' hutha lkoll assenti Giuliano Zammit, Antonia Azzopardi, Joseph Zammit, Mary Spiteri u Costantino Zammit.**

**vs**

**1. Moira Pulis (I.D. 599781 M).**
**2. Enzo Pulis (I.D. 543275 M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Ottubru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma lkoll sidien f’sehem indaqs u b’mod indiviz tal-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Sqaq l-Gharghar, Birkirkara; u

Illi l-fond in kwistjoni kien inghata b’titolu ta’ lokazzjoni minn missier l-atturi, Carmelo Zammit lil certu Manuel *sive* Leli Micallef, illi gie nieqes ricentement; u

Illi minn meta miet l-inkwilin precedenti, u *cioe*` d-defunt Manuel *sive* Leli Micallef, ma giet rikonoxxuta ebda persuna ohra mill-atturi fl-inkwilinat ta’ dan il-fond; u

Illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-Ligi; u

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jivvakaw mill-fond in kwistjoni, baqghu inadempjenti u baqghu jikkupaw dan il-fond;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Sqaq l-Gharghar, Birkirkara minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

2. Tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Sqaq l-Gharghar, Birkirkara u ghal dan il-ghan tiffissa terminu qasir u perentorju li fih ghandhom jizgumbraw minn dan il-fond.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata 10 ta’ Awissu 2005, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Moira u Enzo konjugi Pulis datata 4 ta’ Novembru 2005 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni attrici hija nulla u minghajr effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbli Qorti hija nieqsa mill-kompetenza *ratione materiae* u ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, kif stipulat mill-**artikolu 8 subinciz 1 tal-Kap 69** tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu l-azzjoni *de quo* kellha titmexxa b’rikors u mhux b’citazzjoni u tali nullita` ma hiex sanabbli *ai termini* ta’ l-**artikolu 164 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu dan l-artikolu jistabbilixxi fil-*proviso* tieghu li d-dispozizzjonijiet tieghu m’ghandhomx japplikaw meta skond xi ligi ohra li ma jkunx il-Kap. 12 il-proceduri ghandhom jinbdew b’rikors kif fil-fatt huwa l-kaz odjern. Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu ma gietx intavolata skond il-forma preskritta *ai termini* ta’ l-**artikolu 25 subinciz 2 tal-Kap 69** tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici ma setghetx tigi prospetta fl-ismijiet u fil-kwalitajiet premessi, in kwantu l-prokura esebita bhala Dok. “A” mac-citazzjoni attrici hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mil-Ligi u *in pessima ipotesi* setghet taghti biss il-poter lill-attrici Helen Zammit li tagixxi ghan-nom ta’ l-assenti Giuliano Zammit izda mhux ukoll ghan-nom ta’ l-assenti l-ohra;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li l-konvenuti konjugi Pulis qeghdin jikkupaw il-fond in kwistjoni b’titolu validu fil-ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti hekk presjeduta tas-7 ta’ Frar 2006 u tad-29 ta’ Marzu 2006, u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti kif illum presjeduta tal-25 ta’ Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Galea ghall-konvenuti prezenti. Dr. Anglu Farrugia u l-atturi ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Inghata digriet ta’ l-affidavit lill-partijiet b’terminu ta’ tletin (30) jum kull wiehed fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet ghall-24 ta’ Ottubru 2006.

Rat in-nota ta’ Moira u Enzo konjugi Pulis datata 3 ta’ Awissu 2006 a fol. 22 tal-process li permezz taghha pprezentaw l-affidavits ta’ Moira Pulis u Rita Zammit fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet mressqa mill-konvenuti.

Rat l-ordni tal-Qorti tal-24 ta’ Ottubru 2006 u l-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Anglo Farrugia ghall-atturi u Dr. Franco Galea ghall-konvenuti, prezenti l-konvenuta. Dr. Franco Galea ghamel referenza ghas-sentenza **“John Spiteri vs Stephania Spiteri”** (A.I.C. (PS) 20 ta’ Ottubru 2003, Citazzjoni Nru. 23/99) u ta’ l-istess Qorti fl-ismijiet **“Mario Galea Tabone vs Joseph N. Tabone”** decizi fil-5 ta’ Ottubru (A.I.C. (JSP). Id-difensuri trattaw l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq dan il-punt ghas-26 ta’ April 2007; u l-ordni ta’ din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta’ Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi, proprjetarji f'sehem indaqs u ndiviz bejniethom tal-fond numru 24, Sqaq l-Gharghar, Birkirkara, ippremettew li missierhom Carmelo Zammit kien ta l-fond in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni lil Manuel Micallef illum mejjet. Wara l-mewt ta' Micallef qed isostnu li ma rrikonoxxew lil hadd fl-inkwilinat ta' dan il-fond u ghalhekk il-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi. B'hekk il-konvenuti ghandhom jigu ordnati biex jizgumbraw minn dan il-fond.

Illi l-konvenuti eccepew diversi eccezzjonijiet procedurali u fil-hames eccezzjoni eccepew li huma qeghdin jokkupaw il-fond b'titolu validu.

Illi din is-sentenza hija limitata sabiex jigu decizi l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuti.

### <u>(A) L-EWWEL ECCEZZJONI.</u>

Illi l-konvenuti eccepew preliminarjament li c-citazzjoni attrici hija nulla u minghajr effett fil-ligi in kwantu din il-Qorti hija nieqsa mill-kompetenza *ratione materiae* u b'hekk ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, kif stipulat mill-**artikolu 8 (1) tal-Kap.69.**

Illi l-imsemmi **artikolu 8 (1) tal**-Kap.69 (Ordinanza Li Tirregola T-Tigdid tal-Kiri ta' Bini) jipprovdi li :-

*"Meta sid il-kera jkun irid jiehu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri, huwa ghandu jitlob permess lill-Bord ghaldaqshekk".*

Illi l-Kap.69 jippresupponi li hemm kera izda fil-kaz in kwistjoni l-pern tal-vertenza huwa li l-atturi qed isostnu li l-konvenuti qeghdin fil-fond bla titolu u li huma qatt ma gew rikonoxxuti bhala nkwilini.

Illi infatti hawnhekk ghandha ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Gaetano Cauchi vs Avv. Dr Tommaso Fenech noe"** (App. 29 ta' Settembru 1948) fejn intqal li t-

tribunal kompetenti biex jiddeciedi jekk id-detentur ta' fond ghandux titolu jew le huwa l-Qorti ordinarja. Jekk imbaghad il-Qorti ordinarja tiddeciedi illi dak it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur tal-fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, allura dik il-Qorti ma tibqax kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talba tal-lokatur biex jimpedixxi r-rilokazzjoni tal-fond, imma huwa kompetenti l-Bord tal-Kera.

Illi fuq l-istess binarju kienu s-sentenzi **"Antonio Cuschieri vs Antonio Camilleri"** (A.C 13 ta' Gunju 1953) u **"Wisq Rev. Padre Leone Zammit vs Antonio Farrugia et"** (P.A. 13 ta' Gunju 1953).

Illi mbaghad fis-sentenza **"Francis James vs Enrico Azzopardi"** (A. I. C. (P.S) – 23 ta' Frar 1996) inghad :-

*"Meta f'kawza ghar-ripreza ta' fond, fuq il-bazi illi l-konvenut qed jokkupah minghajr titolu, jigi eccepit f'titolu assumendo li l-istess kawza tkun giet intavolata quddiem it-Tribunali Ordinarji, il-Qorti li tkun ghandha l-ewwel tinvestiga jekk l-eccezzjoni ta' l-ezistenza tat-titolu hijiex fondata jew le. F'liema kaz il-kompetenza mbaghad tghaddi verament minghandha ghal ghand il-Bord li Jirregola l-Kera. Pero', jekk trattandosi ta' tali eccezzjoni jigi deciz, u t-Tribunali Ordinarji ghandhom id-dritt jiddeciedu f'dan is-sens, illi ma jezistix titolu, il-Bord tal-Kera ma jidholx fil-kwistjoni u huma t-Tribunali Ordinarji li ghandhom ikomplu jisimghu u jiddeciedu l-vertenza."*

Illi b'hekk m'hemm l-ebda dubju li ladarba qed jigi allegat li l-konvenuti qed jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu mela hija din il-Qorti li hija kompetenti biex tiddeciedi dwar dan.

Illi d-decizjoni citata mill-konvenuti fl-ismijiet **"Mario Galea Testaferrata vs Joseph N. Tabone noe"** (A.I.C. (JSP) 5 ta' Ottubru 1998) ghandha il-*fattispecie* tal-kaz taghha ferm differenti minn dawk tal-kaz odjern. F'dik il-kawza kien jezisti kuntratt ta' lokazzjoni bejn l-attur u l-awtur tal-konvenut *nomine* li ma giex itterminat u t-talba kienet diretta lejn l-presunti nkwilini. Fil-vertenza odjerna l-awtur

tal-konvenuti miet u kien ghalhekk li l-atturi jsostnu li wara mewtu ma kien hemm ebda kirja favur il-konvenuti. Ghalhekk jirrizulta li mis-sentenza citata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Inferjuri kien gie stabbilit li kien hemm titolu ta' kera u ghalhekk ladarba dan kien il-kaz, gie deciz li kien kompetenti l-Bord li Jirregola l-Kera. F'dan il-kaz, sa dan l-istadju ma gie xejn stabbilit u ghalhekk il-punt jekk l-istess konvenuti ghandhomx titolu ta' lokazzjoni jew le ghandu jigi determinat minn din il-Qorti.

Illi fis-sentenza l-ohra citata mill-konvenuti **" John Spiteri et vs Stephanie Spiteri pro et noe"** (A.I.C (PS) 20 ta' Ottubru 2003) gie sostnut:

*"Premessi dawn l-aspetti mill-provi u l-osservazzjonijiet l-ohra maghmula, ghal din il-Qorti huwa bil-wisq ovvju illi r-rikorrenti sidien telqu mill-posizzjoni illi l-intimata ma kellha l-ebda titolu ta' kera…."*

*"Dan hu bl-invers tas-sentenzi citati mill-appellanti in kwantu fihom il-punt ta' partenza kien li l-intimati kellhom titolu ta' kera taht il-ligi komuni, liema titolu seta' jintemm skond il-ligi specjali bl-adezjoni u awtorizazzjoni tal-Bord".*

*"Fil-kaz in disamina l-intimati ma setghux jitharrku quddiem il-Bord in kwantu fil-parametri stretti tal-funzjonijiet lilu affidati bil-Kap.69 dan kellu biss il-kompetenza li jirregola l-kwestjonijiet insorti bejn il-lokatur u l-kerrej fiz-zmien tar-rilokazzjoni. Ara ghal dik li hi kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera decizjoni fl-ismijiet **"Gaetano Fenech vs Maria Pisani",** Appell, 6 ta' Ottubru 2000."*

Illi fil-fatt jirrizulta mill-azzjoni attrici li l-atturi ma kienux qed jimpostaw il-premessi taghhom fuq l-ezistenza ta' rapport lokatizzju, u fil-fatt kif imfassla c-citazzjoni attrici huwa aktar minn car illi l-atturi mhux biss qatt ma rrikonoxxew lill-konvenuti, izda qed isostnu li l-istess konvenuti qatt ma kellhom titolu fuq il-fond u la darba il-gurisprudenza tghallem li d-distinzjoni bejn iz-zewg posizzjonijiet guridici hija dik li fejn hemm allegazzjoni li hemm detenzjoni bla titolu, huma l-Qrati Ordinarji li

ghandhom kompetenza, fil-waqt li fejn jigi allegat li hemm titolu ta' kera u ssir talba ghar-ripresa ta' l-istess skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 69**, mela allura huwa l-istess Bord li Jirregola l-Kera li huwa kompetenti u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **"Abela nomine vs Brown"** (A.I.C. 20 ta' Jannar 1993); **"Zammit nomine vs Farrugia et"** (A.I.C. 13 ta' Gunju 1953), **"Laferla pro. et noe vs Debono noe"** (A.I.C. 9 ta' Jannar 1998), **"Tamarac Ltd vs Simonds"** (A.I.C. 2 ta' Gunju 2000) u **"John Spiteri et vs Stephanie Spiteri proprio et nomine"** (A.I.C. (PS) 20 ta' Ottubru 2003).

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Gaetano Cauchi vs Avv. Dr. Tommaso Fenech nomine"** (A.I.C. (EA) – 29 ta' Settembru 1948) inghad li t-tribunal kompetenti biex jiddeciedi jekk il-fond ghandux titolu jew le huwa l-Qorti ordinarju. Jekk imbaghad il-Qorti ordinarja tiddeciedi li dak it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur tal-fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, allura dik il-Qorti ma tibqax kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talba tal-lokatur biex jimpedixxi r-rilokazzjoni tal-fond ghar-ragunijiet indikati fil-ligi specjali li taghti kompetenza specjali lill-Bord li Jirregola l-Kera (ara wkoll **"Antonio Cuschieri vs Antonio Camilleri"** (A.I.C. (WH) – 13 ta' Gunju 1953).

Illi dan fil-fatt huwa konferma ta' dak ritenut fis-sentenzi **"Carmelo Cassar vs Carmelo Camilleri"** (A.I.C. - 12 ta' Jannar 1996); **"Carmelo Stivala vs Ratan Mohnani"** (P.A. (RCP) 24 ta' Novembru 1998); u **"Ronald Borg vs Carmelo Baldacchino"** (P.A. (RCP) – 8 ta' Novembru 2000) fejn gie ritenut ukoll li:-

"*Iz-zmien meta saret il-kawza mhux l-uniku kriterju li jiddetermina l-komptenza. ……..L-imsemmija tribunali specjali huma kompetenti li jiehdu konjizzjoni tal-kawzi ghall-izgumbrament minn fondi urbani jew minn raba' meta il-lokazzjoni relattiva tkun fil-perjodu ta' rilokazzjoni u meta it-talba tkun ibbazata fuq dawk il-kawzalijiet li huma espressament indikati fil-Ligi jew ahjar f'dawk il-kapitoli tal-ligi li jittrattaw l-imsemmija zewg bordijiet."*

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**<u>(B) IT-TIENI ECCEZZJONI.</u>**

Illi l-konvenuti eccepew ukoll illi l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu l-azzjoni kellha titmexxa b'rikors u mhux b'citazzjoni u tali nullita' ma hiex sanabbli *ai termini* ta' l-**artikolu 164 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** in kwantu dan l-artikolu jistabbilixxi fil-*proviso* tieghu li d-disposizzjonijiet tieghu m'ghandhomx japplikaw meta skond xi ligi ohra li ma jkunx il-Kap 12 il-proceduri ghandhom jinbdew b'rikors.

Illi fis-sentenza **"Mario Camilleri et vs Kontrollur tad-Dwana et"** (P.A. Cit nru : 1530/97 – 24 ta' Novembru 2004) gie deciz li:- *fi zminijiet ohra qabel l-emendi apportati ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995, kien jinghad li in kwantu l-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku "ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, u lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata, mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex officio" - "Michele Parnis -vs- Carmelo Caruana nomine", Appell, 23 ta' Gunju 1952, (Kollez. Vol. XXXVI P I p 204);*

Illi din l-enuncjazzjoni giet segwita u abbraccjata f'bosta decizjonijiet ohra nkluzi dawk li jinstabu **f'Vol. XXXVIII.i. 519; Vol. XLIX.i.421;** u **"Antonio Saliba -vs- Joseph Galea proprio et nomine",** (Appell Kummercjali, 6 ta' Mejju 1968); **"Paolo Spiteri -vs- Leonard Spiteri"**, (Appell Civili, 4 ta' Dicembru 1979) u **"Leslie Causon -vs- Godwin Abela nomine",** (Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Dicembru 1994).

Illi fil-kaz citat din l-istess enuncjazzjoni kienet tghodd ukoll in kwantu l-*proviso* precitat ta' l-artikolu 164 (2) ma jhalli l-ebda dubju illi jekk ligi ohra (f'dak il-kaz l-Ordinanza tad-Dwana), tkun tispecifika l-forma espressa tar-rikors din allura kellha *ad validitatem* tkun il-procedura u li messha ntuzat mill-atturi.

Illi ghalkemm dak li sostnew il-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom bhala principju huwa minnu pero' dan mhux applikabbli ghall-kaz odjern u dan anki bhala konsegwenza li l-ewwel eccezzjoni giet michuda *stante* li gie stabbilit li huma l-Qrati Ordinarji li huma kompetenti u mhux il-Bord li Jirregola l-Kera u fid-data meta saret l-azzjoni attrici din kellha ssir permezz ta' citazzjoni. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**(C) IT-TIELET ECCEZZJONI.**

Illi l-konvenuti eccepew li l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett minhabba li ma gietx intavolata skond il-forma preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 25 (2) tal-Kap.69.**

Illi l-**artikolu 25 (2) tal-Kap.69** jipprovdi x'ghandu jkun fih ir-rikors li jrid jigi pprezentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. A bazi ta' dak li gie deciz fl-ewwel eccezzjoni, din it-tielet eccezzjoni ukoll ghandha tigi michuda *stante* li gie deciz li hija din il-Qorti li hija kompetenti.

**(D) IR-RABA' ECCEZZJONI.**

Illi l-konvenuti eccepew li l-azzjoni attrici ma setghetx tigi prospettata fl-ismijiet u fil-kwalitajiet premessi in kwantu l-prokura esebita bhala Dok. "A" mac-citazzjoni hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mil-ligi u *in pessima* ipotesi setghet taghti biss il-poter lill-attrici li tagixxi ghan-nom ta' l-assenti Giuliano Zammit izda mhux ukoll ghan-nom ta' l-assenti l-ohra.

Illi l-**artikolu 1856 tal-Kap. 16** jipprovdi :

*"(1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.*

*(2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaccettax il-mandat".*

Illi imbaghad l-**artikolu 1857(2)** jipprovdi :-

*"Bla hsara ta' kull disposizzjoni specjali ohra tal-ligi, il-mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll tacitament".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Elizabeth Elkhiate nee' Attard et vs Emanuel Attard et"** (P.A. (GV) - Cit Nru:911/97/GV 28 ta' Frar 2001) inghad:-

*"Il-mandat jista' jinghata mhux biss bil-miktub, imma anke bil-fomm u anki tacitament (**Rizzo Bamber vs Rizzo PA 11 ta' Jannar 1950)**".*

Illi fil-kaz in kwistjoni ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa' minhabba li l-ligi ma tippreskrivi l-ebda formalitajiet ta' kif jista' jinghata mandat. Fi kwalunkwe kaz, fil-kawza odjerna b'referenza ghall-prokura ezebita bhala Dok. "A" (a fol. 5 tal-process) li tirrigwarda mandat specjali zgur li l-mandat li Giuliano Zammit ta lil ohtu Helen Zammit biex tiftah il-kawza odjerna hija valida *stante* li tirrizulta b'mod espress fil-kitba li saret u wkoll dak hemm indikat ma gie bl-ebda mod kontestat, anke ghaliex il-forma iskritta ma hijiex mehtiega.

Illi ghalhekk il-kwistjoni jekk Giuliano Zammit setax jiddikjara li qieghed jidher ukoll ghan-nom ta' hutu Antonia Azzopardi, Joseph Zammit, Mary Spiteri u Constantino Zammit meta ma giet annessa l-ebda prokura in iskritt min-naha taghhom biex jawtorizzawh jaghmel dan qed tigi deciza fl-isfond tal-ligi li tghid li mandat jew prokura tista' ssir anki verbalment jew sahansitra tacitament. *Inoltre'* l-**artikolu 1865(1) tal-Kap.16** jipprovdi li :-

*"Ghall-esekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jagixxi gudizzjarjament;….."*

Illi ghalhekk din il-Qorti tara li m'hemm ebda nuqqas fil-mod kif giet prezentata c-citazzjoni odjerna u allura din l-eccezzjoni ukoll ghandha tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuti** u dan *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------